MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 98/2013

**Appell Nru. 98/2013**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Mifsud**

**Illum 11 ta’ Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 503455 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bejn it-30 ta’ Mejju 2012 u l-31 ta’ Lulju 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil Maria Elena Mifsud u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew hgall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond

dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Frar, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Frar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-umli appell u tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata u dan billi tikkonferma l-istess sentenza fejn fiha l-esponenti gie ddikjarat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti, u tirrevokaha u thassaraha f’dik il-parti fejn l-esponenti gie kkundannat ghall-piena ta’ gimghatejn detenzjoni, u minflok timponi piena li tkun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju ta’ l-esponenti huwa car u manifest, in kwantu l-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti ta’ l-ewwel istanza hija wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ta` l-esponenti.

Illi l-esponenti ammetta l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u dan stante li bhala fatt huwa minnu li huwa ma hallasx l-ammont shih lil martu li huwa gie ordnat ihallas permezz tad-digriet precitat.

Illi madanakollu, l-esponenti umilment ihoss illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-ewwel istanza ma kkunsidratx sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ta’ l-esponenti, liema cirkostanzi kellhom jimmilitaw favur piena inqas onerua fuqu, u liema Oirkostanzi jikkonsistu fis-segwenti:
(a) l-ammissjoni bikrija ta’ l-esponenti;

(b) il-fatt illi mill-ammont kumplessiv ta` €1,860 dovut mill-esponenti bhala manteniment ghaz-zmien indikat fic-citazzjoni, l-esponenti hallas puntwalment aktar minn nofs dak l-ammont, tant li kien baqalu jhallas l-ammont ta' €839.56;
(c) il-fatt illi l-esponenti kien ilu mill-25 ta' Luiju 2012 li talab varjazzjoni tal-manteniment li huwa gie ordnat ihallas, stante t-tibdil fic-cikorstanzi tieghu, liema talba kienet ghadha sub judice sal-jum li fiha giet deciza l-kawa odjerna;
(d) il-fatt li l-esponenti m'ghadux jippercepixxi l-introjtu li kien jippercepixxi fil-passat, u dan stante problemi ta' sahha li bihom huwa afflitt l-esponenti u li jwaqqfuh milli jiffunzjona fl-okkupazzjoni tieghu ta' haddiem tax-xatt, liema okkupazzjoni hija wahda ta' strapazz u li tinnecessita certu integrita' fizika fil-haddiem de quo.

Illi l-esponenti qed jaghmel minn kollox biex ihallas il-manteniment lill-martu kif ordnat, izda minhabba t-tnaqqis fl-introjtu tieghu, huwa waqa' f'arretrati. L-esponenti qieghed ghalhekk jaghmel minn kollox biex jaqta dawn l-arretrati kif jidher ukoll minn diversi decizjonijiet diga' moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fejn il-piena ta' detenzjoni giet kommutata ghal piena inqas oneruza, proprju ghaliex dina l-Onorabbli Qorti sabet illi l-esponenti kien jimmerita tali riduzzjoni fil-piena.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa mizzewweg lil Maria Elena Mifsud illi minnhom ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni. Fil-frattemp b'digriet moghti fil-hamsa (5) ta' Mejju tal-elfejn u ghaxra (2010) il-parti civili ottjeniet digriet mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, sabiex tithallas minghand l-appellant l-ammont ta' erba' mija hamsa u sittin ewro (€ 465) kull hmistax-il (15) gurnata. Jidher illi l-appellant ma zammx b'dan id-digriet u naqas milli javversa l-manteniment dovut bejn it-tletin (30) ta' Mejju tal-elfejn u tnax (2012) u l-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) u ghalhekk gie mressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment kif kien obbligat illi jaghmel.

B’sentenza moghtija fl-ghoxrin (20) ta’ Frar tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati, wara ammissjoni tal-appellant, sabitu hati u kkundannatu ghal gimghatejn ditenzjoni. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza il ghaliex deherlu illi kien minhabba nuqqas fl-introjtu tieghu illi waqa’ lura fl-arretrati u li l-appellant qieghed jaghmel minn kollox sabiex jaqta’ dawn l-arretrati hekk kif ikollu l-finanzi bizzejjed f’idejh.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ghamlitha cara diversi drabi illi n-nuqqas ta’ introjtu ma jsarrafx f’awtorizazzjoni unilaterali sabiex dak li jkun jonqos mill-obbligazzjonijiet tieghu versu terzi. L-appellant ghandu digriet fil-konfront tieghu sabiex ihallas ammont ta’ manteniment kull hmistax-il (15) gurnata lill-parti civili Maria Elena Mifsud. Jekk jidhirlu li ghal xi zmien ma setax ihallas, messu adixxa lill-Qorti kompetenti sabiex issir revizjoni tal-ammont imhallas. La darba ma ghamlux l-appellant jibqa’ responsabbli skont id-digriet originali. Dana qalitu l-kawza Il-Pulizija kontra Anthony Saliba deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta’ Lulju 1998 “... jekk persuna ma tkunx tista’ thallas il-manteniment ordnat anke f’kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant ...”. Kwindi ghal dik illi hija dikjarazzjoni ta’ htija, l-ewwel Qorti ghamlet sew billi qabdet u kkundannat u sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rigward il-piena, il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) fejn dehret il-parti civili Maria Elena Mifsud u ddikjarat illi dakinhar stess hija thallset l-arretrati kollha illi kellha tiehu minghand l-appellant u li ghal dak li jirrigwarda din il-kawza ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra tieghu. Il-Qorti tawgura illi dana jkun il-bidu ta’ relazzjoni ahjar bejn il-konjugi u ghalhekk thares lejn dan il-hlas b’mod pozittiv fis-sens illi thoss illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena kif gie wara kollox stabbilit fil-kawza Il-Pulizija

versus Publius Said deciza fil-25 ta' Settembru 2003, fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet, *" ..... L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ....."* Dak hu propju dak li gara f'dan il-kaz. Evidentement l-appellant hassu ppressat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti illi kienet ikkundannatu ghal terminu ta' ditenzjoni u dan kien bizzejjed sabiex igieghelu jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu, kif ghal dak li jirrigwarda din il-kawza, ghamel. Ghalhekk il-Qorti thoss illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi li tilqa` l-appell in parte, tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet htija u tirriformaha in kwantu baghatet lill-appellant ghal perjodu ta' gimghatejn detenzjoni u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvediment tal-art. 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------